MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 411/2005

**Maltacom p.l.c. C 22334 u b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2007 l-isem Maltacom p.l.c. gie sostitwit bl-isem Go p.l.c.**

**Vs**

**1. Mark Gaffarena (ID 447176 M);**
**2. Joseph Scicluna (ID 305143 M) bhala stralcjarju tas-socjeta' Dacia Motors (Malta)Limited (C 18335) u b'digriet tas-27 ta' Settembru 2005, il-Qorti ordnat li tigi kancellata l-kelma 'stralcjarju' u sostitwita bil-kelma 'azzjonist'**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Lulju, 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsuha s-somma ta' tlett elef, tlett mija erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3334.85) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi

telefonici bin-numri 463370, 491722, 491720, 491733 u 491244 dana skond ma kif jidher mill-annessi dokumenti markati Dok A,B,C, D,E,F,G, H,I u J.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri ufficjali datati 26 ta' Novembru 1999 u 24 ta' Marzu, 2004 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti mid-dati tal-ittri ufficjali li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Gaffarena fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti qatt ma applika personalment ghall-linji in kwistjoni u wisq anqas ma ghamel it-telefonati fuq dak in-numri u billi dawn kienu saru mill-konvenut l-iehor.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju 2006 fejn ikkundannat lill-konvenut Joseph Scicluna sabiex ihallas dak li gie mitlub mis-socjeta' attrici wara li l-istess Scicluna baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti Mark Gaffarena u Joseph Scicluna kienu shab fis-socjeta' Dacia Motors Malta Limited kif ukoll xi kumpaniji ohra. Dacia Motors kienet applikat u ottjeniet is-servizz telefoniku minghand is-socjeta' attrici u matul iz-zmien tellghet il-kont indikat fl-avviz. Dan mhuwiex kontestat mill-konvenut Mark Gaffarena. Qal biss li ma applikax personalment u lanqas ma ghamel it-telefonati ndikati, li saru kollha mill-konvenut l-iehor Joseph Scicluna.

Il-PL Noel Scerri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici (fol 41) xehed illi s-socjeta' kienet iddecidiet li tagixxi fil-konfront ta' Mark Gaffarena bhala direttur wara li kien iddikjara formalment lill-MFSA li l-kumpanija tieghu kienet f'posizzjoni li thallas id-djun taghha. Meta l-hlasijiet baqghu ma sarux, allura s-socjeta' attrici ddecidiet li tagixxi fil-konfront taz-zewg diretturi.

Il-konvenut a fol 50 jikkonferma li kien shab fin-negozju ma' Joseph Scicluna, pero' kien biegh l-ishma tieghu fil-1997 u ma kellux aktar interess fil-kumpanija. Mitlub jispjega d-dikjarazzjoni li ghamel lill-MFSA qal illi filwaqt illi jaghraf il-firma tieghu u li d-dokument gie pprezentat mill-account, kompla jghid "vera li fih il-firma tieghi imma ma nafx ghal xhiex iffirmajt."

Robert Ebejer qal illi kien awditur tal-kumpanija Dacia Motors (fol 53) illi kien hu li pprepara d-dokument lill-MFSA, fiha firma tieghu u li giet iffirmata minn Mark Gaffarena bhala direttur ta' Dacia Motors. Din id-dikjarazzjoni saret peress li kien taht l-impressjoni li l-kumpanija kienet "*solvent*", izda dina kienet impressjoni zbaljata peress li anke meta saret dik id-dikjarazzjoni, il-kumpanija ma kienetx. Qal ukoll li huwa rrezenja ftit wara minn likwidatur, kemm minhabba illi saru trasferiment ta' l-ishma u ma kienx jaf ma min qieghed jitratta u wkoll il-ghaliex kien beda kors l-universita' u ma kellux aktar hin disponibbli biex jaqdi dak l-inkarigu. Il-Qorti tosserva illi minkejja illi Mark Gaffarena xehed illi huwa ttrasferixxa l-ishma tieghu fit-30 ta' Settembru 1997, tali dikjarazzjoni giet registrata fl-ufficini ta' l-MFSA fit-3 ta' Dicembru 2004.

Ikkunsidrat:

Apparti l-metodu ferm suspettuz ta' kif it-trasferiment ta' l-ishma gew a konjizzjoni tal-pubbliku, l-Qorti jidhrilha illi l-konvenut Mark Gaffarena ma jistax jahrab mill-obbligazzjoni tieghu bhala direttur tas-socjeta' Dacia Motors Limited. Mhuwiex kontestat illi din is-socjeta' talbet u ottjeniet is-servizzi telefonici mis-socjeta' attrici.

Lanqas ma huwa kkontestat l-ammont li qed titlob is-socjeta'.

Mark Gaffarena pero' ried jahbi wara l-"*corporate veil*" tas-socjeta' biex ighid li mhux responsabbli, izda biss is-socjeta' Dacia Motors Limited. Il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut Mark Gaffarena ma jistax jargumenta b'dan il-mod. Bhala direttur tas-socjeta' kien responsabbli versu l-kredituri ta' l-istess socjeta' u kellu jkun fid-dmir li jpoggi stampa cara tal-posizzjoni tal-kumpanija halli l-kredituri jkunu jistghu jiehdu decizzjonijiet infurmati dwar l-interessi taghhom. Mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna ddecidew illi kellhom id-deskrizzjoni li jnehhu l-"*corporate veil*" tas-socjeta' f'kazi ta' abbuzi biex isalvagwardjaw id-drittijiet tal-kredituri (ara decizzjoni moghtija fit-12 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet *Andrew Borg Cardona noe vs Price Club Holdings Limited,* kif ukoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ottubru 2002 fil-kaz *Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments Company Limited*).

Veru illi f'dan l-istadju ma giex allegat illi kien hemm *"fraudulent trading"* da parti tal-konvenuti, pero' zgur irrizulta abbuz da parti taghhom biex ma jigux imhallsa l-kredituri. Il-Qorti ssibha ferm stramba d-dikjarazzjoni tal-konvenut Gaffarena meta filwaqt li qed jaghraf il-firma tieghu, ma jafx ghal xhiex qed jiffirma. Dana zgur li mhuwiex responsabbilta' ta' direttur ta' kumpanija. Dana mhuwiex qieghed hemmhekk sabiex jiehu l-flus biss u jahrab mir-responsabbilta' hekk kif jibda l-maltemp. Bhala direttur dana ghandu l-obbligu li jkun jaf dejjem u fi kwalunkwe hin il-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanija illi huwa qed imexxi, u jekk ma jkunx jafha ikun qed jonqos mir-responsabbilta' tieghu u ma jistax ihalli f'idejn l-*accountants* jew persuni ohra biex imexxu l-kumpanija u mbaghad ighid illi ma kienx jaf x'kien qed isir. Huwa obbligu u d-dover ta' kull direttur ta' kumpanija anke jekk mhux ezekuttiv li jassigura li l-kumpanija qed titmexxa b'mod onest, skond il-ligi u jkun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija f'kull hin.

Jidher illi s-sitwazzjoni tal-kumpanija Dacia Motors kienet tant imhawwda illi anke l-*accountants* u l-awdituri ma kienux jafu ezatt x'kienet il-pozizzjoni. Biex ikollok awditur u jiddikjara apertament fil-Qorti illi kien taht *"impressjoni"* illi l-kumpanija kellha flus bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghad-debiti taghha turi l-mod delettantesk ta' kif tmexxew l-affarijiet. Mhuwiex lecitu ghall-awditur li jkollu *"impressjoni"* ta' x'setgha kien hemm u ma kienx hemm fil-kumpanija. Awditur qieghed hemmhekk proprju sabiex jassigura li l-vera stampa tal-kumpanija tkun qieghda disponibbli ghall-kredituri taghha u ma jkunx hemm abbuz mill-"*corporate veil"* ta' l-istess kumpanija, haga li jidher f'dan il-kaz l-awdituri naqsu. Pero' b'dan ma jfissirx illi d-diretturi bhal konvenuti Gaffarena u Scicluna huma ezonorati mir-responsabbilta'. La darba Gaffarena qua direttur iddikjara li l-kumpanija kellha assi bizzejjed sabiex taghmel tajjeb ghal dawn id-djun u li dawna kienu ser jithallsu fi zmien tnax-il xahar, allura dik id-dikjarazzjoni torbtu personalment vis-a-vis il-kredituri, u jistghu allura jfittxuh personalment jekk huwa jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu. Ghalhekk il-Qorti tara illi l-agir ta' Gaffarena kien in mala fede u bhala tali allura ma setghax jibbenefika mill-principju ta' personalita' guridika separata mill-kumpanija. Dana qalitu l-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Imhallef ***Alberto Guzeppe Magri et vs Euro Flott Russian International Airlines et*** fl-1 ta' Lulju 2005.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ghandha ragun illi titlob l-ammont mitlub kemm minghand il-konvenut Scicluna, kif ukoll Gaffarena.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba fil-konfront tas-socjeta' attrici wkoll fil-konfront ta' Mark Gaffarena u tikkundannah illi jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tlett mija erbgha u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm3334.85) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici skond id-dokumenti annessi ma' l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------